KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 1589

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 110 tas-17 ta' April 2023 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

____________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**KUMMISSARJU GĦALL-ISTANDARDS FIL-ĦAJJA PUBBLIKA – ILMENTI PENDENTI**

**20. L-ONOR. KAROL AQUILINA JISTAQSI LILL-ISPEAKER:** Jista' l-Onorevoli Speaker jgħid kemm-il talba għal investigazzjoni għandu pendenti quddiemu l-Kummissarju għall-iStandards fil-Ħajja Pubblika? Jista' l-Onorevoli Speaker jgħid, mingħajr ma jindika l-isem u d-dettalji tal-persuni involuti, dwar xiex inhi kull waħda mill-investigazzjonijiet? Jista' l-Onorevoli Speaker jindika għal kull waħda mill-investigazzjonijiet jekk hix qiegħda ssir b'inizjattiva tal-Kummissarju nnifsu jew inkella wara li l-istess Kummissarju rċieva allegazzjoni bil-miktub?

10.04.2023

**SPEAKER (L-Onor. Anġlu Farrugia):** Il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika bħalissa għandu 27 ilment jew talba għal investigazzjoni pendenti.

Kien hemm 12-il ilment pendenti fit-30 ta' Settembru 2022, meta l-Kummissarju Hyzler spiċċa mill-kariga. Daħlu 15-il ilment ġdid mill-1 ta' Ottubru 2022 sas-7 ta' Marzu 2023, meta l-kariga kienet vakanti. Mit-8 ta' Marzu sal-lum daħlu ħames ilmenti ġodda. Minn dawn kollha s'issa ġew riżolti ħames ilmenti.

Mis-27 ilment li huma pendenti quddiem il-Kummissarju, 12 huma taħt investigazzjoni u 15 huma fl-istadju ta' konsiderazzjoni preliminari, jiġifieri l-Kummissarju għadu qed jikkunsidra jekk jimmeritawx investigazzjoni ulterjuri jew le. Il-Kummissarju bħalissa m'għandu ebda investigazzjoni għaddejja li nbdiet fuq inizjattiva tiegħu.

Mit-12-il ilment li huma taħt investigazzjoni, 11 huma taħt investigazzjoni attiva filwaqt li l-investigazzjoni ta' lment wieħed hija sospiża għaliex jittratta dwar każ li huwa s-suġġett ta' inkjesta maġisterjali.

B'mod ġenerali, l-ilmenti pendenti jallegaw dan li ġej:

- għemil ta' stqarrijiet pubbliċi jew risposti għal domandi parlamentari li ma jikkorrispondux mal-verità;
- imġiba ħażina marbuta ma' dikjarazzjonijiet tat-taxxa jew dikjarazzjonijiet tal-assi;
- abbuż minn riżorsi jew beni pubbliċi;
- nuqqas ta' konformità mal-liġi dwar permessi ta' żvilupp;
- abbuż mill-kariga jew abbuż ta' poter;
- nepotiżmu; u
- kunflitt ta' interess.

Ma jistgħux jingħataw aktar dettalji dwar investigazzjonijiet pendenti minħabba l-artikoli 18(1) u 21(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (Kap. 570 tal-liġijiet ta' Malta).

Seduta 110
17.04.2023